



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 17 ta' Ottubru 2022
(OR. en)

13184/22
ADD 1
LIMITE
PV CONS 57
ECOFIN 960

ABBOZZ TA' MINUTI
KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA
(Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji)
4 ta' Ottubru 2022

WERREJ

Pàgna

Attivitajiet mhux leġiżlattivi

5.	Konsegwenzi ekonomiċi u finanzjarji tal-aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna	3
6.	Prezzijiet għoljin tal-enerġija u swieq finanzjarji: Sitwazzjoni attwali	3
7.	Irkupru ekonomiku fl-Ewropa	3
	a) Rapport ta' rieżami dwar l-implimentazzjoni tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza	
	b) Deċiżjonijiet ta' implimentazzjoni tal-Kunsill skont il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza	
8.	Tħejjija tal-laqgħa tal-Ministri għall-Finanzi u l-Gvernaturi tal-Banek Ċentrali tal-G20 tat-12 u t-13 ta' Ottubru 2022 u l-laqgħat annwali tal-FMI: Termini ta' Referenza u dikjarazzjoni tal-UE għall-Komitat Monetarju u Finanzjarju Internazzjonali (IMFC)	3
9.	Konklużjonijiet dwar il-finanzjament għall-klima fid-dawl tas-27 Konferenza tal-Partijiet (COP 27) għall-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima (UNFCCC) f'Sharm El-Sheikh bejn is-6 u t-18 ta' Novembru 2022	4
10.	Ir-rwol fiskali u mhux fiskali tad-dwana tal-UE	4
11.	Affarijiet oħra	4
	L-istatus tal-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni dwar is-servizzi finanzjarji	
ANNEX - Dikjarazzjonijiet għall-minuti tal-Kunsill		5

Attivitajiet mhux leġiżlattivi

5. Konsegwenzi ekonomiċi u finanzjarji tal-aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna
Skambju ta' fehmiet

Il-Kunsill kellu skambju ta' fehmiet dwar l-impatt ekonomiku u finanzjarju tal-aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna.

6. Prezzijiet għoljin tal-enerġija u swieq finanzjarji: Sitwazzjoni attwali
Preżentazzjoni mill-Kummissjoni u skambju ta' fehmiet

Il-Kunsill kellu skambju ta' fehmiet dwar l-opzjonijiet potenzjali ta' politika biex jiġu indirizzati l-iżviluppi attwali fis-swieq finanzjarji relatati mal-volatilità għolja u ż-żieda fil-prezzijiet tal-enerġija.

7. Irkupru ekonomiku fl-Ewropa

- a) **Rapport ta' rieżami dwar l-implimentazzjoni tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza**
Preżentazzjoni mill-Kummissjoni u skambju ta' fehmiet
- b) **Deċiżjonijiet ta' implimentazzjoni tal-Kunsill skont il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza**
Adozzjoni

 12275/22 + ADD 1
(*)

Il-Kunsill kellu skambju ta' fehmiet dwar ir-rapport ta' rieżami dwar l-implimentazzjoni tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza u adotta d-deċiżjoni ta' implimentazzjoni li tapprova l-valutazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza tan-Netherlands.

8. Tħejjija tal-laqgħa tal-Ministri għall-Finanzi u l-Gvernaturi tal-Banek Ċentrali tal-G20 tat-12 u t-13 ta' Ottubru 2022 u l-laqgħat annwali tal-FMI: Termini ta' Referenza u dikjarazzjoni tal-UE għall-Kumitat Monetarju u Finanzjarju Internazzjonali (IMFC)
Approvazzjoni

12367/22
12368/22

Il-Kunsill approva t-termini ta' referenza tal-UE għall-laqgħa tal-Ministri għall-Finanzi u l-Gvernaturi tal-Banek Ċentrali tal-G20 tat-12 u t-13 ta' Ottubru 2022 u d-dikjarazzjoni għall-Kumitat Monetarju u Finanzjarju Internazzjonali.

9. Konklużjonijiet dwar il-finanzjament għall-klima bil-ħsieb tas-27 Konferenza tal-Partijiet (COP 27) għall-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima (UNFCCC) f'Sharm El-Sheikh bejn is-6 u t-18 ta' Novembru 2022

12478/22 + ADD 1

Approvazzjoni

Il-Kunsill approva konklużjonijiet dwar il-finanzjament għall-klima bil-ħsieb tal-COP27 tal-UNFCCC.

Dikjarazzjoni dwar dan il-punt tinsab fl-Anness.

10. Ir-rwol fiskali u mhux fiskali tad-dwana tal-UE

12527/22

Skambju ta' fehmiet

Il-Kunsill kellu skambju ta' fehmiet dwar ir-rwol tal-awtoritajiet doganali tal-UE fil-protezzjoni tal-interessi finanzjarji u ekonomiċi tal-UE, l-iżgurar tas-sigurtà u s-sikurezza tal-merkanzija li tidħol jew toħroġ mill-UE u l-faċilitazzjoni tal-kummerċ.

11. Affarijiet oħra

L-istatus tal-implimentazzjoni tal-leġislazzjoni dwar is-servizzi finanzjarji

Informazzjoni mill-Kummissjoni

Il-Kunsill ħa nota tas-sitwazzjoni attwali fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-leġislazzjoni dwar is-servizzi finanzjarji.

☐ Punt ibbażat fuq proposta tal-Kummissjoni

(*) Punt li jista' jintalab vot dwaru

Dikjarazzjonijiet għall-punti "B" mhux leġislattivi li jinsabu fid-dokument 12814/22

Dwar il-punt "B"
nru 9:

**Konklużjonijiet dwar il-finanzjament għall-klima bil-ħsieb tas-27
Konferenza tal-Partijiet (COP 27) għall-Konvenzjoni Qafas tan-
Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima (UNFCCC) f'Sharm El-
Sheikh
bejn is-6 u t-18 ta' Novembru 2022
*Approvazzjoni***

DIKJARAZZJONI MILL-UNGERIJA

"L-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel hija mnaqqxa fit-trattati tal-Unjoni Ewropea bħala dritt fundamentali. L-Ungerija tiżgura l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel fis-sistema legali nazzjonali Ungeriża f'konformità mat-trattati internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem u fil-qafas tal-valuri u l-prinċipji fundamentali tal-Unjoni Ewropea. Għal dawn ir-raġunijiet, l-espressjonijiet li fihom it-terminu 'ġeneru' ser jiġu interpretati mill-Ungerija bħala 'sess', f'konformità mal-Artikolu 10, l-Artikolu 19, il-paragrafu 1, u l-Artikolu 157, il-paragrafi 2 u 4, tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea."

Dikjarazzjonijiet għall-punti "A" mhux leġislattivi li jinsabu fid-dokument 12816/22

Dwar il-punt "A"
nru 9:

Direttiva Delegata tal-Kummissjoni (UE) tad-29.6.2022 li temenda d-Direttiva 2014/40/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-irtirar ta' ċerti eżenzjonijiet fir-rigward tal-prodotti tat-tabakk imsaħħna

Att delegat - Intenzjoni li ma jitqajmux oġġezzjonijiet

DIKJARAZZJONI KONĠUNTA TAL-BULGARIJA, ĊIPRU, IL-GREĊJA U L-ITALJA

"Il-Bulgarija, Ċipru, il-Greċja u l-Italja jtennu li l-att delegat propost mill-Kummissjoni għandu impatt profond fuq id-dixxiplina tal-prodotti tat-tabakk imsaħħna.

Kif diġà dikjarat, m'aħniex konvinti li riforma kumplessa u komprensiva bħal din tista' tiġi introdotta permezz ta' Att Delegat.

Mingħajr preġudizzju għall-valutazzjoni tagħna dwar l-aspetti sostantivi tal-proposta tal-Kummissjoni, id-dixxiplina l-ġdida li tirriżulta mill-att delegat, fil-fehma tagħna, tmur lil hinn mis-setgħa delegata skont id-Direttiva 2014/40/UE u tinvolvi elementi essenzjali riżervati għal-leġislaturi Ewropej u, bħala tali, għandha tiġi sottomessa għall-proċess ta' rieżami leġislattiv ordinarju. B'mod partikolari, bl-introduzzjoni ta' definizzjoni ta' 'prodotti tat-tabakk imsaħħna' fl-att delegat (ara l-Artikolu 1 li jemenda l-Artikolu 7(12) tad-Direttiva 2014/40/UE sabiex tiddaħħal l-imsemmija definizzjoni fit-tieni subparagrafu), il-Kummissjoni, fil-fehma tagħna qed taqbeż il-limiti tas-setgħat ta' delega mogħtija lilha permezz tad-Direttiva 2014/40/UE (l-Artikoli 7(12) u 11(6) rispettivament).

Barra minn hekk, minħabba l-ambitu u l-piż tal-obbligi introdotti għall-awtoritajiet, aħna nqisu li l-iskedi ta' żmien għat-traspożizzjoni u l-perjodi tranżitorji stabbiliti fl-att mhumiex realistiċi.

Għalhekk, il-Bulgarija, Ċipru, il-Greċja u l-Italja jikkondividu t-tħassib li dan l-użu tas-setgħa delegata mill-Kummissjoni huwa problematiku u jittestja l-bilanċ interistituzzjonali u joħloq inċertezza legali u diffikultajiet prattiċi għall-partijiet kollha involuti. Dan l-att m'għandux jitqies bħala preċedent regolatorju."
